MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

**MAGISTRAT DR.
PAUL COPPINI**

Seduta tal-5 ta' Ottubru, 2004

Citazzjoni Numru. 179/1997/1

**QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX)
SUPERJURI,
GURISDIZZJONI GENERALI**

**MAGISTRAT DOTTOR PAUL COPPINI LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 5 ta' Ottubru,2004 .**

**Citazzjoni numru : 179/1997G1(PC)**

.

Emanuel Buttigieg .

vs

L-Avukat Dottor Alfred Grech li b'degriet tat-28 ta' Ottubru, 1997 gie nominat Kuratur Deputat sabiex jirrapprezenta l-wirt battal t'Angelo Buttigieg .

Il-Qorti ,

Rat ic-citazzjoni li permezz taghha l-attur, wara li ppremetta :

Illi l-attur Emanuel Buttigieg irrenda lil Angelo Buttigieg illi miet fis-sitta u ghoxrin (26) ta' April tal-elf disa' mija u sebgha u disghin (1997) (Dok A) servigi, kuri u assistenzi, liema servigi, kuri u assistenzi gew rezi fuq talba tal-istess Angelo Buttigieg matul is-snin illi huwa kien jghix wahdu u cioe' mid-data tal-mewt ta' martu Maria Buttigieg nee' Attard sad-data tal-mewt tieghu fis-sitta u ghoxrin (26) ta' April tal-elf disa' mija u sebgha u disghin (1997) ;

Illi dawn is-servigi, kuri u assistenzi kienu fost l-ohrajn jikkonsistu filli l-attur jiehu hsieb l-ghelieqi ta' Angelo Buttigieg; joqghod mieghu ghal madwar tmien sieghat kuljum fix-xhur tas-sajf u madwar erba' sieghat kuljum fix-xhur tax-xitwa u matul dan il-hin kien jaghmel dak kollu li kien ikollu bzonn l-istess Angelo Buttigieg; kien jakkompanja u jwassal bil-karrozza tieghu lil Angelo Buttigieg kemm ghal hargiet sia bhala passatemp kif ukoll ghall-bzonnijiet medici u bzonnijiet ohra ; jiehu hsieb ghal madwar tlett darbiet fil-gimgha jixtri l-bzonnijiet kollha u jsajjar lill-istess Angelo Buttigieg; fil-hin li l-attur ma kienx ikun ma' Angelo Buttigieg kien ikun dejjem 'on call" peress illi s-servizz tat-Telecare illi kellu l-istess Angelo Buttigieg kien indirizzat fuq l-attur f'kaz li tinqala' xi haga; u dan flimkien ma' xoghol iehor illi jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza ;

Illi sabiex ippresta dawn is-servigi l-attur kellu jidhol f'hafna skomdu, strapazz u sagrificcju kemm ghalih personali kif ukoll ghall-membri tal-familja tieghu ;

Illi dawn is-servigi, kuri u assistenzi kienu ta' entita' u ta' natura tali li ghandhom jigu retribwiti;

Illi dawn is-servigi, kuri u assistenzi l-attur baqa' qatt ma gie kumpensat taghhom minkejja li kien hemm il-weghda tal-kumpens da parti tal-istess Angelo Buttigieg ;

Illi ghalkemm il-konvenut gie interpellat mill-attur sabiex jersaq ghall-likwidazzjoni u hlas tas-servigi l-konvenut baqa' inadempjenti .

Talab lill-konvenut nomine jghid ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti :

1. Tillikwida l-ammont ta' kumpens gust dovut lill-attur in linea ta' servigi, kuri u assistenzi rezi lil Angelo Buttigieg ;

2. Tikkundanna lill-konvneut sabiex ihallas lill-attur l-ammont ta' kumpens hekk likwidat .

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali tat-tnejn (2) ta' Lulju tal-elf disa' mija u sebgha u disghin (1997) u tal-ittra interpellatorja tat-tletin (30) ta' Lulju tal-elf disa' mija u sebgha u disghin (1997) kontra l-konvenut li minn issa huwa ingunt ghas-subizzjoni .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-attur debitament mahlufa minnu .

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut nomine li eccepixxa illi :

1. Illi huwa ma huwiex edott mill-fatti li taw lok ghal dina l-kawza u ghalhekk jirrimetti ruhu ghall-provi migjuba .

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti tal-konvenut nomine mahlufa minnu .

Rat id-digriet taghha tat-22 ta' Mejju 1998 fejn innominat lill-avukat Dottor Grazio Mercieca bhala perit legali sabiex

jiehu konjizzjoni tat-talbiet attrici fid-dawl ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut .

Rat ir-relazzjoni ta' l-istess perit ipprezentata fl-20 ta' Jannar 2000 u mahlufa minnu fil-25 ta' Novembru 1999 .

Rat id-digriet taghha tat-2 ta' Mejju 2000 fejn fuq talba tal-konvenut, il-process gie rimess lill-perit legali sabiex jisma' xi xhieda li sar jaf bihom il-konvenut nomine wara li kien gia tlesta r-rapport peritali .

Rat ir-rapport addizzjonali tal-perit legali ppprezentat fis-6 ta' Frar 2004 u minnu fit-2 ta' Lulju 2004 .

Rat il-verbal taghha tat-2 ta' Lulju 2004 fejn halliet il-kawza ghal-lum ghas-sentenza .

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza, inkluzi l-verbali tax-xhieda mismugha u d-dokumenti u affidavits esebiti .

Ikkunsidrat :

Illi din hija kawza ta' servigi . Dwar il-principji legali nvoluti u l-gurisprudenza in materia, l-Qorti taghmel referenza shiha ghall-espozizzjoni ferm studjata maghmula mill-perit legali fl-ewwel relazzjoni tieghu.[1] Fl-istess relazzjoni, l-perit legali, wara li sema' l-provi prodotti unikament mill-attur, ikkonkluda illi kien haqqu kumpens ghas-servigi li kien wettaq u spejjez li nefaq fl-interess tad-*decujus* Angelo Buttigieg fis-somma totali ta' hamest elef tmienja u sebghin lira maltija (Lm5078) . Il-perit legali wasal ghal din ic-cifra wara li ha in konsiderazzjoni dak li qal l-attur u x-xhieda minnu prodotti, dwar kif kien beda jdur b'Angelo Buttigieg immedjatament mal-mewt ta' martu u dana billi kien safa wahdu u xtaq l-ghajnuna . Ghall-provi fid-dettal, il-Qorti taghmel piena referenza ghal dak li gie rapportat f'dan ir-rigward fir-relazzjoni ta' l-istess perit legali.[2]

[1] A fol. 48 - 65 tal-process .
[2] a fol. 66 - 70 tal-process .

Imma wara li kienu avvincinaw lill-konvenut nomine, (li sa meta tlesta l-ewwel rapport kien ghadu ma jaf xejn dwar il-kaz), xi nies li kellhom parentela mad-*decujus*, il-perit legali kien f'pozizzjoni jisma' l-qampiena l-ohra . Infatti wara li l-process gie rimess lilu u nstemghu dawn in-nies sabiex jaghtu l-verzjoni taghhom, irrizulta illi l-attur ma kienx ta dawk is-servigi kollha li kien semma . Infatti kien hemm zmien li kienu daru bih ukoll oht il-mara, certa Mikelina Zammit u bintha Marie Josette Mousu', partikolarment meta d-*decujus* htieglu jkun rikoverat fl-isptarijiet fl-esteru u ghand dawn il-familjari ta' martu f'Malta.[3] In vista ta' din l-informazzjoni gdida l-perit legali allura rreveda il-konkluzjonijiet originali tieghu, sabiex gie illi lill-attur ma kienx aktar dovut l-ammont kollu stabilit fl-ewwel relazzjoni, imma ammont ridott ghal tliet elef hames mija tnejn u tmenin lira maltija (Lm3582), li kellu jkopri sew il-hlas ghas-servigi resi, kif ukoll l-ispejjez inkorsi fl-interess tad-decujus.[4]

Il-Qorti, in vista tal-fatt illi l-perit legali kellu l-opportunita' jisma' *viva voce* x-xhieda prodotti, u allura kien f'pozizzjoni ahjar sabiex jaghmel valutazzjoni tajba tal-veracita' ta' dak li qalu u sostnew, thoss illi ghandha toqghod fuq dawn il-konkluzjonijiet . Filwaqt ghalhekk illi taddotta dawn il-konkluzjonijiet peritali kif riveduti permezz tat-tieni relazzjoni tal-perit legali, tillikwida l-ammont totali dovut lill-attur ghas-servigi resi u spejjez minfuqa fl-interess tad-*decujus* Angelo Buttigieg, fis-somma totali ta' tliet elef hames mija tnejn u tmenin lira maltija (Lm3582) .

Ghal dawn il-motivi, tiddecidi l-kawza billi tilqa' t-talbiet attrici u :

1. tillikwida l-kumpens gust dovut lill-attur Emanuel Buttigieg in linea ta' servigi, kuri u assistenzi resi lil Angelo Buttigieg fis-somma ta' tliet elef hames mija tnejn u tmenin lira maltija (Lm3582) ; u

---

[3] ghall-provi fid-dettal ara relazzjoni addizzjonali a fol. 102 - 107 tal-process .
[4] ara konkluzjonijiet peritali a fol. 108 - 109 tal-process .

2. tikkundanna lill-konvenut nomine sabiex ihallas din is-somma lill-attur .

Bl-ispejjez kontra l-konvenut nomine .

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------